DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-2 ta' Mejju 2011

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond tas-Solidarjetà tal-UE skont il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba

(2011/286/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [1], u b'mod partikolari l-punt 26 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea [2],

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea ħolqot Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il "Fond") biex turi s-solidarjetà tagħha mal-popolazzjoni ta' reġjuni milquta minn diżastri.

(2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-ammont annwali massimu ta' EUR 1 biljun.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li jippermettu l-mobilizzazzjoni tal-fond.

(4) Il-Polonja, is-Slovakkja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, il-Kroazja u r-Rumanija ppreżentaw talbiet bil-għan li jimmobilizzaw il-Fond, li jikkonċernaw diżastri kkawżati minn żerżieq ta' art u egħriegħer kbar,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-qafas tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea stabbilit għas-sena finanzjarja 2011, għandha tiġi mobilizzata somma ta' EUR 182 388 893 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet taħt l-intestatura tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Mejju 2011.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BUZEK	CSÉFALVAY Z.

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[2] ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.